REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/194

tal-10 ta' Frar 2022

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) u 232(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Ross-on-Wye, Hereford u South Herefordshire, Herefordshire, fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fl-20 ta' Jannar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Crewe, Cheshire East, Cheshire, fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Jannar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Byker, Newcastle Upon Tyne, Tyne & Wear, fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fil-25 ta' Jannar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat jinsabu qrib Calveley, Cheshire East, Cheshire fl-Ingilterra u qrib Ashleworth, Tewkesbury, Gloucestershire, fl-Ingilterra u ġew ikkonfermati fit-28 ta' Jannar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit stabbilixxew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(10) Ir-Renju Unit bagħat informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u l-miżuri li ħa biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tixtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(12) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u r-riskju serju tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, l-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.91 sa GB-2.95 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.90:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.91	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		20.1.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		20.1.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		20.1.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		20.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		20.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		20.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		20.1.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		20.1.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		20.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		20.1.2022	
	GB-2.92	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		22.1.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		22.1.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		22.1.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		22.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		22.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		22.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		22.1.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		22.1.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		22.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		22.1.2022	

	GB-2.93	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		25.1.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		25.1.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		25.1.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		25.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		25.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		25.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		25.1.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		25.1.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		25.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		25.1.2022	
	GB-2.94	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		28.1.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		28.1.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		28.1.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		28.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		28.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		28.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		28.1.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		28.1.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		28.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		28.1.2022	
	GB-2.95	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		28.1.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		28.1.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		28.1.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		28.1.2022	

		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		28.1.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		28.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		28.1.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		28.1.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		28.1.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		28.1.2022"	

(b) fil-Parti 2, l-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni GB-2.91 sa GB-2.95 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.90:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.91	Viċin Ross-on-Wye, Hereford u South Herefordshire, Herefordshire, fl-Ingilterra, Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq WGS84, il-koordinati deċimali N51.92 u W2.57.
	GB-2.92	Viċin Crewe, Cheshire East, Cheshire, fl-Ingilterra. Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N53.13 u W2.45.
	GB-2.93	Viċin Byker, Newcastle Upon Tyne, Tyne & Wear, fl-Ingilterra. Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.98 u W1.59.
	GB-2.94	Viċin Calveley, Cheshire East, Cheshire, fl-Ingilterra, GB. Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N53.13 u W2.60.
	GB-2.95	Viċin Ashleworth, Tewkesbury, Gloucestershire, fl-Ingilterra. Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N51.93 u W2.26. "

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, l-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.91 sa GB-2.95 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.90:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.91	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		20.1.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		20.1.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	N, P1		20.1.2022	
	GB-2.92	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		22.1.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		22.1.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	N, P1		22.1.2022	

	GB-2.93	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		25.1.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		25.1.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	N, P1		25.1.2022	
	GB-2.94	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		28.1.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		28.1.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	N, P1		28.1.2022	
	GB-2.95	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		28.1.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		28.1.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	N, P1		28.1.2022"	